MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali BIRKIRKARA

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 56

7 ta' Novembru 2016

Il-Kunsilli Lokali BIRKIRKARA ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Tumas Fenech Birkirkara, fis-6 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Joanne Debono Grech – Sindku
Rita Borg– Viċi Sindku
Kaylocke Buhagiar– Kunsillier
Liam Gauci– Kunsillier
Anthony Buttigieg– Kunsillier
John Mary (Jimmy) Calleja– Kunsillier
Herbert Conti– Kunsillier
John Mizzi– Kunsillier
Marie Claire Zammit– Kunsillier
John Borg - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Michael Fenech Adami – Kunsillier
Mark George Abdilla – Kunsillier

ASSENTI

Dr.Josianne Cardona Gatt – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Neil Spiteri – Segretarju Eżekuttiv

Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku, is-Sinjura Joanne Debono Grech, il-Vici Sindku s-Sinjura Rita Borg, u l-Kunsilliera, is-Sur Liam Gauci, is-Sur Anthony Buttigieg, is-Sur John Mary (Jimmy) Calleja, is-Sinjura Marie Claire Zammit, is-Sur Herbert Conti, is-Sur John Mizzi, u s-Sur Kaylocke Buhagiar. Dr.Josianne Cardona Gatt kienet assenti waqt li s-Sinjuri Michael Fenech Adami u Mark George Abdilla kienu assenti skużati.

Min-naħa tal-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar, is-Sur Matthew Mangion kien assent skużat.

Min-naħa tal-Kumitat Amministrattiv ta' Fleur De Lys, Dott. Francesca Zarb kienet assenti skużata.

Għal din il-laqgħa ma kienx hawn il-preżenza tal-pubbliku.

## 56.1 Qari u approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa 55

56.1.1 Il-laqgħa tal-Kunsill fetħet fis-sitta ta' filgħaxija. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech fetħet il-laqgħa bit-talba.

56.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta u qara l-messaġġi ta' apoloġija tal-Kunsilliera s-Sinjuri Michael Fenech Adami u Mark George Abdilla, kif ukoll tac-*chairpersons* tal-kumitati amministrattivi. Il-membri preżenti unanimament accettaw l-apoloġija.

56.1.3 Il-minuti tal-laqgħa numru 54 ġew imqassma u ttieħdu bħala moqrija. Ma kienx hemm korrezzjonijiet u wara li l-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg ippropona l-approvazzjoni tagħhom, dawn gew issekondati mill-Vici Sindku s-Sinjura Rita Borg u approvati unanimament.

## 56.2 Punti mqajjma mill-minuti

56.2.1 Ma kienx hemm punti mill-minuti.

## 56.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

56.3.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi l-pubblikazzjoni tal-ktieb tal-Muża Karkariża tlesta u se jkun *launched* mill-kittieba nnifishom fit-12 ta' Dicembru f'attivita' apposta wara l-laqgħa tal-Kunsill.

56.3.2 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li l-attivitajiet marbuta ma' Ġieħ Birkirkara qed tieħu ħsiebhom s-Sinjura Mandy Farrugia.

56.3.3 Il-Kunsillier is-Sur Liam Gauci qal illi issa għandna *up and running* tlettax –il WIFI spot b'xejn ġewwa Birkirkara. Qabel konna nħallsu 900Euro għal żewġ WIFI spots u issa qed inħallsu biss 1390Euro. Il-pass li jmiss għandu jkun illi dan is-servizz jiġi publicizzat. Is-Sur Gauci qal illi l-MCA talbet lill-kunsill jidħol fi proġett pilota fejn dak li jgħidulhom *splash pages* se jkun fihom spazju għal

reklamar u qed joffrulna li nibdew nużaw dan is-servizz għal 60 euro biss f'sena u l-Kunsill ibiegħ dan l-ispazju. Il-Kunsilliera ma sabux oġġezzjoni li nidħlu f'dan it-tip ta' ftehim.

## 56.4 Korrispondenza

56.4.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li kien hemm korrispondenza mid-Dipartiment dwar pendenzi tat-tctc imma ppostponiet id-diskussjoni sakemm ikun hawn preżenti l-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami.

Fis-6:07pm daħal fil-Kamra l-Kunsillier is-Sur John Borg.

## 56.5 Tenders ġodda

56.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi qed jaħdem biex joħroġ żewġ tenders, li huma tabelli u sinjali tat-toroq u stampar. Huwa qal illi fil-passat dejjem ħdimna bi kwotazzjoni, imma hu jemmen li jkun aktar ta' beneficcju li jinħareġ tender. Ma kienx hemm oġġezzjoni.

## 56.6 Rapporti ta' aġġudikar

56.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq tliet rapporti ta' aġġudikazzjoni ta' e-tender. L-ewwel wieħed dwar id-dawl tal-Milied fit-toroq. Il-bord ra li l-uniku kontestant, is-Sur Clinton Debono, kellu kollox *in order* u għaldaqstant il-bord issuġerixxa li l-Kunsill jagħti dan ix-xogħol lilu għall-prezz ta' 4,000Euro. Il-Kunsillier is-Sur John Mizzi ppropona li nimxu ma' dan is-suġġeriment u l-Kunsillier is-Sur Jimmy JM Calleja ssekonda. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

56.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ir-rapport dwar it-tinda li se tintuża' għal Ġieħ Birkirkara. It-tliet kumpaniji tefgħu kwotazzjoni valida, jiġifieri Zaffarese (4495Euro), TEC (1930Euro) u Casapinta (3300Euro). Il-Bord jirrakomanda li nimxu bl-irħas jiġifieri TEC Ltd li ssodisfa l-kriterji kollha. Il-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg ippropona li x-xogħol jieħdu TEC Ltd. Il-Kunsillier is-Sur Liam Gauci ssekonda u l-Kunsill qabel bla oġġezzjoni.

56.6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ir-rapport dwar sound and light fl-istess attivita' fejn għaliha daħlu Transient (1036.5Euro) u Studio 7 (791.3Euro). Il-Bord irrakomanda illi billi ż-żewġ kumpaniji jissodisfaw il-kriterji minimi, ix-xogħol jingħata lill-irħas kumpanija jiġifieri Studio 7. Il-Kunsillier is-Sur Herbert Conti ppropona li nimxu ma' din ir-rakkomandazzjoni. Il-Kunsilliera s-Sinjura Marie Claire Zammit ssekondat u l-Kunsill qabel nem. con.

56.6.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ftaħna t-tender tar-restawr tal-vagun li għalih daħlu erba' konkorrenti bi prezzijiet li jibdew minn 30,000 Euro sa 80,000Euro. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech ipproponiet illi fuq dan il-Bord, inpoġġu lis-Sur Paul Galea, li huwa espert tal-ferrovija. Ma kienx hemm oġġezzjonijiet. Għal dan ix-xogħol il-Kunsill għandu 42,000Euro ġejjin mill-Gvern Centrali.

56.6.5 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech ipproponiet illi meta s-Segretarju Eżekuttiv jkollu problema biex jiġu xi kunsillieri biex iservu fuq il-bord, iqabbad lill-istaff biex jgħinuh. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 56.7 Rapport Bord Riżorsi Umani dwar vakanza ta' *Part Time Council Attendant*

56.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ir-rapport tal-Bord ta' l-Għażla mmexxi mill-konsulent is-Sur Michael Parnis dwar il-vakanza ta' *Part Time Council Attendant* fejn instab illi l-persuna li ntbagħtet minn *jobs plus*, waqt l-intervista, mar tajjeb ħafna u ġab 81 punt minn 100. Is-Segretarju Eżekuttiv dawwar ir-rapport mal-Kunsilliera peress li minħabba protezzjoni tad-data ma kienx xieraq illi jixxandar l-isem tal-kandidat. Il-Kunsill qabel illi l-posizzjoni tingħata lil dan l-individwu.

## 56.8 Proposti għal Skart Riciklabbli

56.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-bord li kien qed jevalwa l-offerti bejn iż-żewġ skemi awtorizzati, jiġifieri greenmt u greenpak ltaqa' u kien qed jissuġerixxi illi l-Kunsill jerġa' jasal għal ftehim mal-*Greenpak* għal dawn l-erba' snin li ġejjin.

56.8.2 Dan wara li ġie assigurat illi *Greenpak* kienet se tħallas lill-Kunsill 15,000Euro fis-sena, se tagħti lill-Kunsill CCTV ġdida għal *bring in site* tal-Ġummar, u se tħalli s-sistema għaddejja kif inhi. Anzi qed tiġi diskussa ġabra tal-WEEE ukoll u ġbir mill-Monti.

56.8.3 Dan kontra dak li ssuġerew il-greenmt illi jneħħu l-*bring in sites* kollha u ssir ġabra waħda ta' l-iskart riciklabbli darba fil-ġimgħa. Għalkemm kienu se jħallsu 40 Euro –il tunnellata fuq skart miġbur mid-djar, il-Kunsill qabel, wara diskussjoni, illi l-flus mhux kollox f'kuntratt bħal dan, anke minħabba d-diffikulta' ta' kif it-tunnellaġġ kien se jiġi determinat jew iccekkjat.

56.8.4 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li nġeddu l-kuntratt mal-*GreenPak*.

## 56.9 Partecipazzjoni fil-proġett *interreg*

56.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill ġie avvicinat minn *Mediterranean Accademy* biex flimkien ma' bliet Sqallin u kumpaniji privati nieħdu sehem fi proġett ta' l-UE, l-*interreg*, bħala partners. Il-proġett se jiffoka fuq it-turiżmu u biex jgħin lil *start ups* f'dan is-settur u l-flus li se jinħarġu mill-Kunsill jiġu *refunded* mill-gvern centrali. Hu qal ukoll illi qed issir l-ewwel ħidma biex isir ġemellaġġ ma' Ascoli Piceno vicin Ruma biex isir ġemellaġġ. Ascoli Piceno għandhom lil Santa Liena wkoll.

## 56.10 Proġett Ġnien Stazzjon

56.10.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi għalkemm idealment kienet qed taħseb biex jinqala' l-pavimentar kollu, minħabba li kien se jkun hemm piż finanzjarju enormi, il-proġett kellu jibda imma titħalla l-art kif inhi. Ma kienx hemm oġġezzjoni.

56.10.2 Is-Sindku qalet ukoll illi l-Kunsill beda l-ħidma tiegħu biex isir il-Mużew tal-Ferrovija bil-fondi ta' l-e.r.d.f.

## 56.11 Approvazzjoni tal-pagamenti, skeda 41, u *Petty Cash*

56.11.1 Tressqet għall-approvazzjoni skeda tal-pagamenti 41 u anke l-*petty cash*. Ma kienx hemm mistoqsijiet u l-pagamenti ġew approvati fuq mozzjoni tal-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg ssekondata mill-Kunsilliera is-Sinjura Marie Claire Zammit.

56.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Qabel ma ntemmet il-laqgħa kien hemm xi kummenti mill-Kunsillieri.

56.12.1 Il-Kunsillier is-Sur John Borg staqsa meta se jinħareġ it-tender tal-*plainer* għax hemm ħafna garr fuq it-toroq. Is-Sindku qalet li t-tender qiegħed fil-process li joħroġ madankollu kollox jieħu l-ħin tiegħu fis-sistema tal-*e tendering*.

56.12.2 Il-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg qal li minn fejn tgħaddi l-karozza tal-linja, dawn it-toroq kienux responsabbli ta' TM?

Il-laqgħa intemmet fis-6.30pm u ġiet aġġornata għat-12 ta' Dicembru 2016 fis-6pm.

Konfermati, illum 12 ta' Dicembru 2016.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Joanne Debono Grech<br>Sindku | Neil Spiteri<br>Segretarju Eżekuttiv |